MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 873/2003

**A B C f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tat-tifel minuri D**
**vs**
**E F**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici twilditilha tarbija bl-isem ta' D minn relazzjoni li kellha ma' E F, liema tarbija twieldet fis-27 ta' Jannar 1999, (vide Dok. MM).

Premess kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid jirrizulta illi l-missier naturali tat-tarbija huwa E F u kif del resto l-istess konvenut irrikonoxxa lill-imsemmija tarbija bhala bintu naturali permezz ta' att notarili, kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza.

Premess illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmi tifel minuri izda li jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan in linea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-20 ta’ Dicembru 1974 fl-ismijiet Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta’ manteniment ghat-tifel minuri D okkorrendo b’ opera ta’ periti nominandi, u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sal-lum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u ohra gjornaliera u cioe’ ‘per diem’ in linea ta’ manteniment futur ghall-imsemmija tarbija D, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba tal-attrici ghal hlas ta’ arretrati fil-manteniment ghall-minuri D hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut sal-gurnata tallum, dejjem hallas manteniment xieraq ghal ibnu.

2. Illi minn Awissu 2004 l-konvenut kien kostrett li jieqaf jahdem ghal ragunijiet ta’ sahha u dan skond parir mediku. Huwa kien ilu minn Frar 2004 ibati minn fits.

3. Minkejja li l-konvenut ma jistax jahdem u jiddependi ghall-ghixien tieghu u ta’ martu mill-Assistenza Socjali, huwa xorta wahdu ghadu qieghed jivversa manteniment ghal ibnu. Dana sabiex jadempixxi ruhu ghad-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tat-13 ta’ Ottubru 2003.

4. Illi l-konvenut jixtieq illi jibqa' jivversa manteniment ghall-ibnu izda f' ammont izghar minn dak stabbilit mid-digriet citat, stante illi s-sitwazzjoni qed tikkreja tbatija kbira lill-konvenut u familtu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, l-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi ordnat minn din il-Qorti jhallas manteniment ghat-tifel komuni taghhom D, kemm arretrat sa mis-27 ta' Jannar 1999, kif ukoll ghall-futur.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jsostni li t-talba ghal hlas ta' arretrat ta' manteniment hija nfondata stante li l-konvenut "dejjem hallas manteniment xieraq ghal ibnu"; u inoltre, fit-2 ta' Awissu 2004 huwa kien kostrett jieqaf mix-xoghol minhabba ragunijiet medici, u llum il-gurnata, kemm hu kif ukoll martu u t-tifla tieghu fiz-zwieg, jiddependu mill-Assistenza Socjali ghal ghejxien taghhom.

**Kwadru tal-fatti**
Illi fis-27 ta' Jannar 1999 twieled it-tifel D minn relazzjoni bejn il-partijiet. Dak iz-zmien il-partijiet baqghu jghixu separatament fid-dar tal-genituri rispettivi taghhom; izda f' Awissu tas-sena 2001 huma marru jikkoabitaw flimkien bi skop ta' zwieg sa Frar tas-sena 2003 meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi wara li giet accertata l-paternita' tal-minuri, u l-konvenut beda jezercita l-access tieghu, huwa beda jhallas mensilment ammont ta' flus bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ta' ibnu. In propositu hemm kontestazzjoni dwar l-ammont somministrat fl-ewwel sena u nofs mit-twelid tat-tifel, ghax filwaqt li l-attrici tghid li huwa kien

jghatiha biss circa Lm27 fix-xahar u l-kumplament kienet tippercepihom beneficji socjali [Lm97 bhala single mother u Lm37.45 fix-xahar bhala children's allowance], il-konvenut jghid li huwa kien jghaddilha s-somma ta' Lm60.

Illi ghas-sena u nofs sussegwenti u cioe' sakemm it-tifel kellu 3 snin, il-partijiet kienu kkonvivew u l-konvenut kien jghaddi lill-attrici ghal hajja Lm120 fix-xahar.

Illi jidher li d-dizgwid serju bejn il-partijiet beda sussegwentement meta l-partijiet hassrlu r-relazzjoni taghhom, u skond l-istess attrici, dawna kienu ftehmu li l-konvenut jghaddilha somma mensili ta' Lm40 ghal bzonnijiet tat-tifel; izda l-attrici, accettat pagament wiehed biss, ghax kienet tippretendi li l-konvenut jghaddilha l-manteniment fi flus kontanti u mhux b' cheque biex ma jkunx hemm evidenza tal-hlas minhabba li kienet qeda tippercepixxi somma superjuri mill-Assistenza Socjali. Ghaldaqstant mill-provi jirrizulta ammess li minn Frar sa Ottubru tas-sena 2003 il-konvenut hallas somma wahda biss ta' Lm40, stante li l-attrici stess kienet irrifjutat li taccetta forma ta' pagament li kienet thalli prova ta' l-istess.

Illi fis-26 ta' Awissu 2003 l-attrici istitwiet il-proceduri odjerni.

Illi fit-13 ta' ta' Ottubru 2003 din il-Qorti, fuq talba ta' l-attrici, kienet ordnat li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment pendente lite ghat-tifel, fl-ammont ta' Lm60 fix-xahar, liema ammont baqa' jithallas sa l-ahhar ta' Lulju 2006, nonostante li fit-2 ta' Awissu 2004 il-konvenut kien dizokkupat minhabba ragunijiet medici. Mill-provi jirrizulta li l-manteniment kompla jithallas wara din id-data in ottemperanza mad-digriet ta' din il-Qorti mill-flus tal-konvenut sekwestrati f' idejn il-banek, u dana bi ftehim taz-zewg partijiet.

Illi fit-3 ta' Jannar 2004 il-konvenut izzewweg lil dik li hi martu llum, u f' dan iz-zwieg twieldet tarbija, u skond kif

indikat minnu fin-nota tieghu mistennija tarbija ohra f' Dicembru 2006.[1]

Illi permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2006 din il-Qorti, fuq rikors prezentat mill-konvenut in vista li kien dizokkupat, ordnat li pendente lite l-konvenut kellu jivversa lill-attrici bhala manteniment ghal binhom terz [1/3] minn kull assistenza u beneficju socjali li kien qed jircevi. Konformament mit-2 ta' Awissu 2006 l-attrici bdiet tircevi direttament mid-dipartiment koncernat is-somma mensili ta' circa Lm45 rapprezentanti terz ta' l-imsemmi beneficji dovuti lill-konvenut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in tema legali jigi osservat li huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom.[2] Rigward il-quantum tal-manteniment, il-ligi tiddisponi li dan ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jghatih;[3] u meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd <u>biss</u> il-qligh tieghu mix-xoghol, is-salarju jew il-pensjoni tieghu, u ta' l-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli.[4]

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li d-domanda attrici hija bazata fuq zewg pilastri: il-manteniment arretrat mis-27 ta' Jannar 1999, u l-manteniment ghall-futur.

**Manteniment arretrat**

Illi din il-vertenza jehtieg li tigi trattata f' diversi fasijiet mit-twelid tat-tarbija.

[A] Illi fl-ewwel fasi, li jestendi mis-27 ta' Jannar 1999 sas-27 ta' Lulju 2001, ghalkemm huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-konvenut kien jikkontribwixxi ghal manteniment ta' ibnu, hemm dizgwid dwar l-ammont imhallas, ghax filwaqt li l-attrici tghid li kien jghatiha bejn Lm25 u Lm30 fix-xahar biex jikkomplimenta ma' l-Assistenza Socjali percepit

---

[1] Izda sad-data ta' dan il-gudizzju l-Qorti ma gietx informata bit-twelid ta' din it-tarbija
[2] Art.7 Kodici Civili
[3] Art.20 [1] Ibid
[4] Art.20 [3] Ibid.

minnha bhala single mother, il-konvenut isostni li kien jghatiha ferm izjed minn hekk, u jsemmi l-figura ta’ Lm60, meta huwa kellu salarju ta’ circa Lm250 fix-xahar.

In propositu l-Qorti, tosserva li, ghalkemm ma jistax jigi stabbilit mill-provi kemm fil-fatt il-konvenut kieh jghaddi lill-attrici manteniment, pero’ jidher li dak li kienet tircevi l-attrici kien sufficjenti, f’ dak iz-zmien; tant li ma kienitx hassitx il-htiega li titlob l-intervent tal-Qorti, anke forsi tenut kont tal-fatt li kienet qeda tircevi ammont adegwat bhala Assistenza Socjali, tenut kont ukoll tal-paga baxxa tal-konvenut.

Barra minnhekk f’ dak iz-zmien il-partijiet jidher li kienu ghadhom bil-hsieb li jibnu fuq ir-relazzjoni taghhom, u ghalhekk zgur li l-konvenut kien aktar propens li jikkontirbwixxi adegwatament ghall-manteniment ta’ ibnu.

Il-premess jimmilta kontra t-tesi attrici li l-manteniment mghoddi lilha mill-konvenut f’ dak iz-zmien kien inadegwat.

[B] Illi ghas-sena u nofs sussegwenti, jidher li ma kienx hemm problemi f’ dan ir-rigward.  F’ dan il-perijodu l-partijiet kienu marru jikkoabitaw flimkien u damu f’ din is-sitwazzjoni minn Awissu 2001 sa Frar 2003; u l-konvenut kien jghaddi lill-attrici ghal hajja Lm120 fix-xahar, kwazi nofs il-paga mensili percepita minnu. Ghaldaqstant anke ghal dan il-perijodu t-talba attrici mhijex gustifikata.

[C] Illi jidher li l-inkwiet serju bejn il-partijiet, anke fejn jidhol l-aspett ta’ l-alimenti, beda fi Frar 2003 meta il-partijiet temmew ir-relazzjoni ta’ bejniethom u marru jghixu separatament.  Huma kien ftehmu li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta Lm40 fix-xahar bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ta’ binhom; izda sussegwentement kienet l-istess attrici li kienet irrifjutat l-hlas kontro ricevuta ta’ dan il-manteniment patwit, u ghalhekk zgur li issa mhux lecitu li timputa lill-konvenut nuqqas f’ dan ir-rigward.

[D] Illi fit-13 ta' Ottubru 2003 il-konvenut beda jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm60 fix-xahar u baqa' jhallas din is-somma sa Lulju 2006, nonostante li huwa kien waqaf jahdem ghar-ragunijiet medici fit-2 ta' Awissu 2004; izda, cioe' nonostante, il-konvenut baqa jhallas il-manteniment ordnat minn din il-Qorti mill-flus sekwetrati li kellu fil-bank.

Ghalhekk tenut kont tal-paga zghira li kien jippercepixxi qabel it-2 ta' Awissu 2004, l-ammont ta' Lm60 fix-xahar bhala manteniment ghat-tifel huwa adegwat fil-parametri tal-ligi; multo magis l-ammont li baqa' jhallas meta kien dizokkupat wara it-2 ta' Awissu 2004.

[E] Illi sussegwentement, u cioe' fit-2 ta' Awissu 2006 huwa beda jhallas, fuq ordni provvizorja tal-Qorti, terz mill-beneficju socjali percepit minnu.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici in kwantu diretta ghall-hlas ta' manteniment arretrat da parti tal-konvenut hija ngustifikata u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Manteniment ghal futur**

Illi dwar il-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghal binhom, ghall-futur, il-Qorti tirriabidixxi iz-zewg principju regolaturi f' dan ir-rigward: li l-oneru tal-manteniment jispetta liz-zewg genituri, u li dan ghandu jkun proporzjonat mal-bzonnijiet tal-minuri, tenut kont tal-qligh u mezzi ta' min ghandu l-obbligu li jhallas il-manteniment.

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[a] Illi fil-prezent il-konvenut, li llum hu mizzewweg u ghandu tarbija fiz-zwieg, ma jahdimx minhabba ragunijiet medici, u konsegwenjalment qed jircevi assistenza socjali kemm bhala "beneficju ghal mard" kif ukoll bhala "beneficju speciali ghal qghad", apparti mic-children's allwonce ghat-tifla tieghu u l-"ghtoja taz-zwieg" kif jidher

mill-prospett formanti parti minn Dok.KMZ[5] Jirrizulta wkoll li, ghalkemm dan fil-mument qieghed jirregista ghax-xoghol, stante li l-kondizzjoni medika tieghu ma tostakolahx milli jghamel certu tip ta' xoghol, pero' xorta wahda ghadu dizokkupat. Inoltre, fil-prospett esebit minnu mal-affidavit tieghu l-konvenut jghati lista ta' l-ispejjez inkorsi minn.[6]

Illi ghalhekk il-mezzi finanzjarji tal-konvenut fil-prezent huma minimi, u, filwaqt li dana ma jezonerahx mill-obbligi li jikkontribwixxi ghal manteniment ta' ibnu D, certament dan l-obbligu fil-quantum tieghu, ghandu jkun minimu; li pero' ghandu jizdied kif appena jibda jaghmel xoghol bi qligh.

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti thoss lit-talba attrici hija gustifikata parzjalment, u, rebus sic stantibus, tordna li kwint [1/5] mill-beneficju socjali li l-konvenut jipperciepixx <u>ghalih</u>, u allura esluz ic-children's allowance li huwa jircevi ghat-tifla jew tfal tieghu <u>fiz-zwieg</u>, gandu jithallas lill-attrici, direttament mid-departiment koncernat, bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ta' ibnu D. Izda malli l-konvenut jibda jahdem percentagg ta' ghoxrin fil-mija [20%] tal-qligh tieghu ghandu jitnaqqas direttament mill-employer u jintbaghat direttament lill-attrici kull xahar jew kull erba gimghat skond il-modalita' tal-hlas tal-paga.

[b] Illi mill-provi ma jirrizultax li hemm xi raguni valida ghaliex l-attrici, nonostante l-eta' zghira taghha, baqghet ma tahdimx sabiex anke hi tikkontribwixxi finanzjarjament ghal manteniment ta' binha, ghalkemm fi grad inferjuri ghal missier stante li hi ghandha l-kura effettiva tat-tifel. Mill-provi jirrizulta li sa mill-bidu tat-twelid tat-tifel hija kienet tghix fid-dar tal-genituri taghha u dawn kienu jghinuha hafna, izda madankollu, l-attrici baqghet ma tahdimx, la qabel u lanqas issa li t-tifel ghandu seba snin u ghalhekk iqatta' hafna mill-hin tal-gurnata l-iskola. Il-Qorti tosserva li dan l-istat ta' fatt, fl-assenza ta' raguni valida jew accettabbli, jistona ferm fid-dawl ta' l-obbligu

[5] Fol.119
[6] Fol.42

legali li z-zewg genituri ghandhom li jikkotnribwixxu ghal manteniment ta' uliedhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tichad it-talba in kwantu diretta ghal manteniment arretrat;

[2] tilqa' t-talba attrici in kwantu diretta ghal manteniment ghall-futur, izda limitatment kif ser jinghad: billi tordna li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu D billi kwint [1/5] mill-beneficju socjali dovut lilu, ghalih [u ghalhekk eskluzi l-beneficji dovuti lill-martu u children's allowance dovuti lit-tfila/tfal tieghu fiz-zwieg], jigi mghoddi lill-attrici direttament mid-dipartament tas-Sigurata' Socjali; inoltre, tordna li, appena l-konvenut isib xoghol bi qligh, huwa ghandu jikkontribwixxi percentagg ta' ghoxrin fil-mija [20%] mill-qligh nett tieghu ghal manteniment ta' ibnu D; u dan il-percentagg ghandu jitnaqqas direttament mill-employer tieghu, u jintbaghat direttament lill-attrici kull xahar jew kull erba gimghat skond il-modalita' tal-hlas tal-paga.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------